KLR 8/VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa 16 t'Ottubru 2013 fis-18.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-membri Maria Portelli, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat u Michel Buttiġieġ.

**1. Talba u approvazzjoni tal-minuti**

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**2. Appuntar tal-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni għall-offerti:-**

**i. *Repaving of Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and other streets within the Victoria Urban Conservaton Area (Gozo) as part of the project "Setting up of an Integrated Cultural, Archaeological and Historic Trial";***

Il-preżenti qablu li l-membri ta' dan il-bord ikunu:- il-Perit Gordon Vella, l-Inġ. James Grima, Paul Dimech, l-*Project Administrator* William Sultana u Miriam Attard bħala Segretarja tal-bord.

**ii. *Supply and Delivery of light Fittings and Luminaires for the Heritage Trail Project in Victoria, Gozo***

Il-preżenti qablu li l-membri ta' dan il-bord ikunu:- il-Perit Gordon Vella, l-Inġ. James Grima, Nancy Grech, l-*Project Administrator* William Sultana u Miriam Attard bħala Segretarja tal-bord.

Dwar il-proġett tal-ERDF, is-Sindku għarraf lill-preżenti li jista' jkun hemm xi tibdil fejn jidħol l-i*scanning* tal-art ta' Pjazza Indipendenza.  Dan minħabba li l-proġett kollu jista' ma jitlestiex fiż-żmien stipulat.

## 3. *Update* proġett tal-*playing field*

Is-Sindku għarraf lill membri li sar protest legali mill-Kunsill kontra Gatt Tarmac Ltd. fejn din is-soċjeta' qed tinżamm responsabbli jekk minħabba l-appell li għamlet ikun il-kaġun li jintilfu l-fondi tal-Unjoni Ewropea. Dwar l-isekma *eco-gozo* ukoll qed isiru diskussjonijiet mal-Inġiniera tad-dawl u d-Direttur *Eco-Gozo*.

## 4. Triq San Ġorġ

L-isqaqien tlestew u nksew bil-porfido li kien hemm qabel f'din it-triq. Għat-triq prinċipali ser jintuża l-granit li kien baqa' minn Pjazza San Ġorġ u jrid jinxtara aktar profido. Dan minħabba li l-madum li kien fl-isqaqien inkiser meta nħolqot il-problema bis-sistema tad-dranaġġ u li issa tranġat minn naħħa tat-Taqsima tad-Dranaġġ fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma. Għal hekk billi x-xogħol inbeda u l-bażi tal-art diġa' lesta, l-membri qablu li tinħareġ offerta b'urġenza biex jinxtara dan il-materjal. Sar qbil ukoll li fl-aħħar għandu jinkesa wkoll l-isqaq iż-żgħir fejn toqgħod il-familja Formosa.

## 5. Dekasteri tal-membri tal-Kunsill

Il-membri qablu li jingħataw id-dekasteri lill-membri preżenti. Is-Sindku jibqa' bir-responsabilta' taż-żgħażagħ, Maria Portelli tkun inkarigata minn materji relatati mall-Unjoni Ewropea, Anthony Briffa fuq l-isport u attiviatjiet soċjali u Marċel Tabone, il-Kultura. Fil-laqgħa li għaddiet sar qbil li l-kunsillier Debrincat ikun responsabbli mill-indafa pubblika u hu r-rappreżentant tal-Kunsill fil-Kumitat fuq l-Indafa f'Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-membri li huma skużati ser jingħataw id-dekasteri fil-presenza tagħhom.

## 6. Attivitajiet tal-Milied u Lejliet l-ewwel tas-Sena

### *i. Christmas Village*

Il-membri qablu li dan isir bejn it-13 u l-15 ta' Diċembru 2013. Dan għandu jkun aktar iddedikat lill-artiġjanat relatat mal-Milied.

### ii. Attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-sena

Il-membri qablu li:-

- it-tined jintramaw fuq il-palkijiet,
- jiġu nvoluti l-*bands* Għawdxin bħas-sena li għaddiet,
- isir logħob tan-nar ta' fuq il-bjut,
- isir *billboard* li juri tajjeb li l-attivita' jorganiżżha l-Kunsill,
- tintbgħat korrispondenza lis-Segretarju Palamentari Dr Hose' Herrera fejn il-Kunsill juri x-xewqa li l-għotja tal-Gvern mill-iskema tal-Attivitajiet Kulturali tiżdied. Dan minħabba li l-ispejjes dejjem jogħlew u l-i*sponsors* m'għadhomx b'saħħithom. Is-sena li għaddiet din l-għotja kienet ta' €7,000.

**7. *Street Furniture***

7.1 Il-membri qablu li l-Kunsill jissuġġerixxi lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru bankijiet tondi li jkollhom ukoll pjanti fihom fi Triq Repubblika fil-partijiet fejn hemm il-bankina wiesgħa, bħal fill-kantuniera ta' Triq Palma u fil-kantunieri ta' Trejqet l-Exchange.

7.2 Il-Kunsill ser jixtri żewġ bankijiet u *litter bin* biex jitpoġġew fi Triq Salvatore Psaila.

7.3 Il-kumpanijia *Allcare* ser toffri *animal litter bins* sabiex jitpoġġew madwar ir-Rabat.

**8. *Weekend Break***

Billi l-*weekend break* li kellu jsir f'Ottubru tħassar minħabba li l-lukandi kienu għoljin, il-membri qablu li jiġu ppjanati żewġ dati oħra. Dawn huma bejn l-10 u t-12 ta' Jannar 2014 u bejn l-14 u s-16 ta' Marzu 2014.

**9. Goro – Ġemellaġġi**

Ser isir laqgħa fil-Comune ta' Goro rigward proġett tal-Unjoni Ewropea. Għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku u l-membri Portelli u Tabone. Nichelino u Turin imbgħad issir żjara mis-Sindku u l-kunsillier Briffa. Din għal fatt li qed titfassal żjara f'Turin biex wieħed jesplora iktar ir-rabtiet ta' bejn iż-żewġ lokalitajiet u kif wieħed jista' jutilizża iktar fondi tal-UE.

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jgħin fil-proġett tal-monument f'ġieħ Dun Joe Galea li ser isir f'Nichelino. Dan peress li kieku ma kienx għal dan il-qassis il-ġemellaġġ ta' Nichelino qatt ma kien iseħħ. Il-Kunsill m'għandux joħroġ aktar minn €2,000.

**10. Ftuħ tal-istimi tat-trattament tas-siġar tal-palm**

Infetħu l-istimi u dawn huma kif jidher f'dokument A anness. Il-membri qablu li dan ix-xogħol jagħmlu min tefa l-orħos stima, jiġifier *Xerri's Garden Centre*. Meta jsir it-trattament lill-palm f'taċ-Ċawla H. E. għandha tinżabar ukoll is-siġra li hemm maġenb Blokk EA. Dan peress li jrid jintuża *high-up*.

**11. Immaniġjar tat-Traffiku - Korrispondenza**

Tressqet il-korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta (TM):-

11.1 dwar il-konġestjoni tat-traffiku li qed tinħoloq fi Triq Sir Arturo Mercieca qrib l-ETC meta jkun hemm in-nies jirreġistraw, TM ssuġġeriet li jsiru *parking bays*. Il-membri qablu li ssir pjanta tal-Perit biex imbgħad tapprovha t-TM;

11.2 fejn inħareġ il-permess biex isir *one metre double yellow line* bisiwit il-garaxx ta' Toni Saliba ta' 29, Triq il-Kunsill Ċiviku;

11.3 inħareġ il-permess biex issir *un/loading* riservata għall-*Villa Rundle* fi Triq Ninu Cremona. Din mit-Tenjn sal-Ġimgħa bejn id-09.00 u nofs in-nhar;

11.4 inħareġ il-permess għall-*Bus Stop* ġdida fi Triq Santa Dminka;

11.5 inħareġ il-permess għal sena għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem George Attard ta' 15, Triq Sir Arturo Mercieca;

11.6 ma nħariġx il-permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Joseph Farruġia, ta' 77, Triq Sant'Orsla;

11.7 ma nħariġx il-permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Helen Grech ta' 86, Triq Santa Marija.

Tressqet il-korrispondenza relatata mal-immaniġjar tat-taffiku mingħand:-

11.8 residenti ta' Triq Mons. Luiġi Vella. Ħadd minn dawn ir-residenti ma jaqblu li jsriu *rumble strips* quddiem ir-residenza tagħhom;

11.9 Rita Farruġia li talbet li jsir *double yellow line* quddiem id-dar tagħha, 4, Triq Dun Pawl Micallef. Din hi anzjana u qed jipparkjaw eżatt mal-bieb b'tali mod li ma tkunx tista' tidħol jew toħroġ mid-dar. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM;

11.10 Frankie Azzopardi ta' Blokk HA qed jitlob li quddiem l-entratura ta'dan il-blokk issir tabella li turi li ma jistgħux jipparkjaw vetturi tqal. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM;

11.11 Doreen Buttiġeiġ li talbet permess għal-*un/loading* quddiem *D&P Mini Market*, ta' Triq Santa Dminka. Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM;

11.12 Rosemarie Farruġia li talbet permess għal-*un/loading* quddiem *Fabrix*, Triq l-Arċisqof Pietru Paċe.

Il-Kunsill irċieva dawn il-pjanti mingħand il-Perit:-

11.13 biex isiru *parking bays* fi Triq l-Universitas;

11.14 biex isiru *parking bays* fi Pjazzetta Patri Akkursju Xerri; u

11.15 biex jiżdied parkeġġ fil-bidu ta' Triq Palma n-naħħa ta' Triq Repubblika.

Il-membri qablu li dawn il-pjanti jintbgħatu għall-approvazzjoni ta' TM.

**12. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

12.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jingħata s-somma ta' €2,300 f'għajnuna finanzjarja għall-*Live Streaming*;

12.2 id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn intbagħtu s-€7,000 li jkopru l-iskema tal-attivitajiet li l-Kunsill kien applika għall-Victoria International Arts Festival 2013;

12.3 John B. Pace rigward l-iskart li jintrema fil-konok tas-siġar u ħmieġ fi Triq Salvatore Psaila. Il-Kunsill jibgħat kennies kuljum f'din it-triq u twaħħlu wkoll tabelli biex ma jintremax skart. Il-Kunsill irrapporta kemm il-darba dawn l-ilmenti;

12.4 Rosabelle Pavia li ssuġġeriet li jsriu *litter bins* fi Triq Ninu Cremona. Il-membri qablu li jeħel *litter bin* n-naħħa tal-Villa Rundle;

12.5 Dietmar li ssuġġerixxa li l-*playing field* tiġi konvertita f'*Beer Garden*. Il-membri qablu li hi idea ta' min jesplorha pero' jrid jiġi suġġerit post alternattiv.

**13 Materji oħra**

13.1 Tressaqu r-rapporti maħruġa mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* fuq l-istat tal-*playing fields*.

13.2 Tressaq kont tad-dawl u ilma tal-latrina ta' Pjazza Indipendenza. Dan qiegħed fuq '*Enviornment Dept Gozo*'. Il-membri ma approvawx dan il-kont peress li mhux fuq il-Kunsill Lokali.

13.3 Il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill applika mal-MEPA sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza l-Assedu t'Għawdex(NP00129/13) u ta' Triq taħt Putrijal (NP 00128/13).

Il-membri qablu li:-

13.4 jitranġa d-dawl tal-koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ u għandu jintbagħat l-Inġinier tad-Dawl sabiex tinġab stima tal-illuminazzjoni tal-faċċata tal-knisja ta' San Franġisk;

13.5 il-bejjiegħa tal-monti jiġu avżati sabiex ma jarmawx is-Sibt 26 ta' Ottubru 2013 peress li ser issir wirja ta' muturi fi Pjazza Indipendenza;

13.6 l-bejjiegħa tal-ħut jingħataw l-aħħar avviż fejn jiġu mwissija li jekk jibqgħu jitfgħu l'ilma fil-gradi tal-latrina pubblika ta' Pjazza Indipendenza, il-permess li jarmaw f'din il-pjazza jiġi rtirat;

13.7 ssir bankina ġdida quddiem *Pavillion Court* fi Triq 31 ta' Marzu;

13.8 l-offerta tat-Tindif ta’ Latrini Pubbliċi tinħareġ għal-sena;

13.9 jintalab lill-Enemalta u lill-Gvern Ċentrali sabiex issir bozza ġdida fid-daħla ta’ fejn hemm il-kamra mortwarja tal-isptar fi Triq Għajn Qatet;

13.10 d-*double line* li hemm wara u n-naħħa tal-Banca Giuratale jitkompla sal-bieb tal-latrina tan-nisa;

13.11 għandu jiġi ċċekjat mal-Inġiniera tad-Dawl kemm hi l-ispiża sabiex jinbidlu l-*cables* tal-bozzoz li jdawwlu l-arloġġ taċ-Ċittadella;

13.12 ix-xquq li hemm fi Triq iċ-Ċangar jimtlew bil-konkos sabiex ma jidħolx ilma tax-xita fihom;

13.13 titranġa parti mill-bankina u l-art fi Trie Ninu Cremona n-naħħa ta’ fuq peress li hi miksura u perikoluża;

13.14 jiġu rappurtati lill-Inġiniera tad-dawl li hemm żewġ bozzoz tal-art fi Pjazza San Ġorġ li huma maħruqa;

13.15 l-bank tal-isqaq ta’ Triq Mons. Ġużeppi Farruġia jinqala u jitpoġġa fi Triq Ċangar minflok wieħed miksur u li hu tal-konkos;

13.16 l-Kunsill jiddikjara lill-Ministeru għal Għawdex li hu favur li tinfetaħ Triq Ġorġ Pisani. Dan stante li jiġu slavagwardjati l-interessi ta’ terzi persuni;

13.17 jirrapporta lill-MEPA biex jinbena l-ħajt ta’ tmin filati quddiem għalqa li tinsab fi Triq Borġ Geritu;

13.18 jintalab il-permess tad-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ikun jista’ jiġi misluf jew ingaġġat skrivan ġdid. Dan peress li skont l-istima tal-Ministru tal-Finanzi ddikjarta fil-31 ta’ Marzu 2013, il-popolazzjoni tar-Rabat Għawdex hi ta’ 6,911.

13.19 Is-Sindku għaraf lill-membri tal-Kunsill li l-proċess tad-devoluzzjoni tad-dawl lir-Reġjuni miexi ġmielu. Il-Gvern għandu fondi tal-Unjoni Ewropea fejn id-dawl kollu tat-toroq ser jiġi taħt il-kompetenza tar-Reġjuni.

13.20 Rigward il-ġarr tan-nar tal-festi, s-Sindku għarraf lill-preżenti li kellu laqgħa mas-Supretendent Antonello Grech fejn dan ta’ l-aħħar assigurah li din is-sena l-ġarr bin-nar tal-festi ma żdiedx fir-Rabat aktar mis-snin ta qabel. Il-Kunsill Lokali għandu jibqa’ jinsisti li ma jkunx hemm rottot żejda bin-nar jgħaddi mir-Rabat għas-skapitu ta’ lokalitjiet oħra.

13.21 Is-Sindku għarraf lill-membri, li l-Bord tal-MEPA approva il-permess sabiex il-piċċ tal-boċċi jkun jista’ jintuża mill-Klabb tal-Ħamiem. Il-Kunsill irid jara mad-Dipartiment għal Gvern Lokali jekk dan il-piċċ jistax jitpartat mas-sit li bħalissa għandhom dan il-klabb fi Triq Enriko Mizzi.

13.22 Ġiet sottomessa applikazzjoni tal-*Gozo Action Group* taħt ir-*Rural Development Programme for Malta 2007-2013 – Leader – Measure 313 – Encouragment of Tourism Activities (2nd Call).* L-applikazzjoni tikkonsisti f'estensjoni tal-*Heritage Trail* għall-Pjazza San Ġorġ, Triq Karita', Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-iskola u Triq l-Arċipriet Alfons Maria Ħili.

13.23 Is-Sindku ġie mistieden konferenza fi Sweden bejn id-29 t'Ottubru u t-3 ta' Novembru 2013. Din tirrigwardja l-Kunsilli Lokali.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 f'nofs in-nhar.

Dr Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv